## L-EDITORJAL

# INHARSU 'L QUDDIEM

REFERENCE ONLY

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

Il-ħidma tagħna llum fi ħdan l-Għaqda tal-Malti (Università) u permezz ta' "LEĦEN IL-MALTI" hi tkomplija ta' kulma sar fil-passat kif ukoll impenn biex inħarsu 'l quddiem u nagħtu s-sehem ġdid tagħna bħala studenti. Qegħdin nagħtu ħajja ġdida lil din ir-rivista, li ilha ma toħroġ mill-1980 biex inkomplu fejn ħallew ta' qabilna.

"LEĦEN IL-MALTI" jippubblika xogħlijiet ta' l-imseħbin ta' l-Għaqda, kemm jekk huma letterarji u kemm jekk huma riċerka fil-qasam letterarju u lingwistiku.

L-isforzi tagħna huma wkoll tislima xierqa lil dawk kollha li mexxew l-Għaqda u ħadmu fiha mill-1931 'l hawn. Insellmu lil dawk li tant ħadmu bil-għaqal biex il-Malti jogħla fil-livell li jixraqlu, bħala lsien tal-poplu u bħala lsien li għandu letteratura distinta minn oħrajn.

Aħna nemmnu li bħalma "LEĦEN IL-MALTI" għandu l-imgħoddi tiegħu, hekk ukoll għandu ġejjieni, li jistrieħ kollu fuq il-ħidma u l-istudji tagħna. Waqt li napprezzaw il-ġmiel kbir tal-Letteratura Maltija ta' qabilna, nixtiequ naraw li din tkompli tiżviluppa skond it-tendenzi letterarji ta' l-epoka tagħna, epoka differenti u aktar interessanti għaliex riesqa lejn is-seklu wieħed u għoxrin.

Noti:

• *L-aħħar ħarġa ta' LEĦEN IL-MALTI kienet għadd 22, XLIX 1980. Din hi l-ewwel ħarġa wara din l-edizzjoni.*

• *Ħarġiet imgħoddija ta' LEĦEN IL-MALTI jistgħu jinkisbu mill-indirizz editorjali.*